



2023/0404(COD)

8.4.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE
(COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD))

Rapporteur għal opinjoni: João Albuquerque

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill "li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE", li tintroduċi qafas regolatorju għall-ħolqien ta' pjattaforma għall-UE kollha mmirata biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali u tipprovdi opportunitajiet għal dawk li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma interessati f'impjiegi li għalihom hemm nuqqasijiet fl-UE kollha. Dan huwa Regolament importanti li jipromwovi perkorsi regolari għall-migrazzjoni u li jikkomplementa strateġiji tal-UE biex jiġu indirizzati nuqqasijiet tal-ħiliet fl-UE, bis-Sena Ewropea tal-Ħiliet fuq quddiem nett.

Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE se tkun għodda volontarja għall-Istati Membri interessati u trid tkun disponibbli għal persuni b'livell baxx, medju u għoli ta' ħiliet f'pajjiżi terzi. Se tintegra għodod speċifiċi biex tiffaċilita t-tlaqqiġ bejn dawk li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi.

B'mod ġenerali, ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, minħabba l-importanza ta' dan is-suġġett, huwa jintroduċi emendi bl-għan ġenerali li jittejbu r-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet, tittejjeb il-privatezza ta' dawk li qed ifittxu impjieg u jiġi promoss il-bilanċ bejn il-ġeneri.

B'mod aktar speċifiku, ir-Rapporteur jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri li jiproteġu d-data personali matul il-proċess kollu, biex jiġu evitati d-diskriminazzjoni u kwalunkwe forma ta' ritaljazzjoni, b'mod partikolari fil-fażi ta' tiftix u tqabbil. Irid japplika l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni li huwa bbażat fuq l-identità, il-ġeneru, l-età, in-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' oriġini.

Huwa jintroduċi wkoll proposti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet minn taġħlim formali, mhux formali u informali, u kwalifiki bħal-lawrji, edukazzjoni vokazzjonali, jew ċertifikati oħrajn bħall-hekk imsejħa "mikrokredenzjali". Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal moduli ta' taħriġ ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, filwaqt li jsemmi li dawn għandhom ikunu aċċessibbli għal dawk li qed ifittxu impjieg li jirreġistraw jew li beħsiebhom jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent. Ir-Rapporteur iqis ukoll li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jridu jingħataw aċċess sħiħ għall-protezzjoni soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema. Għandu jkun hemm ukoll enfasi qawwija fuq l-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-eżodu ta' mħuħ mill-pajjiżi terzi.

Għaldaqstant, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fl-impjiegi STEM.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jipproponi li jiġu previsti perkorsi għal persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u persuni minn sfondi żvantaġġati biex jiġu sfruttati l-ħiliet, il-kwalifiki u l-motivazzjoni taġħhom, filwaqt li jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema fl-Unjoni.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jixtieq jisħaq fuq l-importanza li tiġi salvagwardjata l-privatezza u r-rispett tar-Rakkomandazzjoni tal-KE C(2023)7700 final tal-15 ta' Novembru 2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

EMENDA

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni **u** fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija **u** fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-

Emenda

(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija, fil-matematika, **fl-edukazzjoni, u fl-agrikoltura**, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

Emenda

(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-

ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attrawenza ta' ċerti impjegji. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni wehđidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, ***f'konformità mal-oġettivi tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet***, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attrawenza ta' ċerti impjegji. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jiffasslu moduli ta' taħriġ ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fis-Shubijijiet ta' Talent jew fid-dawl tad-dħul fir-Riżerva ta' Talent filwaqt li jitqies l-aċċess sħiħ għall-protezzjoni soċjali u drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll strateġiji biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fl-istudju u fil-programmi tat-taħriġ relatati mal-oqsma STEM.*** Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol, ***in-natura li qed tinbidel tal-kwalifiki u l-kompetenzi mehntieġa*** u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni wehđidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali **u** jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu

Emenda

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali, jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu

impjeg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

impjeg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni **u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistudjaw fl-Unjoni**, u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, **sa fejn l-attivazzjoni tal-forza** tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE **ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv**. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. **Jenħtieġ li** l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

Emenda

(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **biex jikkomplementaw il-forza** tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti **u l-ħtiġijiet u l-inizjattivi** speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri. **Il-kunċett ta' "Talent" jenħtieġ li jqis ukoll ix-xejriet relatati mal-ħtiġijiet futuri f'termini ta' kwalifiki u kompetenzi bħall-effetti trasformattivi tat-teknoloġija (awtomatizzazzjoni, IA, robotika) u t-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika.**

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li ttiprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, **jenħtieġ li** l-Istati Membri parteċipanti **jaħtru żewġ** rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi **u** wieħed mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni.

Emenda

(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li ttiprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, **speċjalment biex tappoġġa intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u negozji ġodda**, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.

Emenda

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-Istati Membri parteċipanti, **f'koordinazzjoni, meta rilevanti, mal-awtoritajiet amministrattivi fil-livell xieraq, jenħtieġ li jaħtru tliet** rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi, **wieħed** mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, **u wieħed mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, rappreżentanti miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), u minn aġenzija fil-livell tal-UE li taħdem fuq l-integrazzjoni jenħtieġ li jiġu inklużi fil-panel. Is-sħab soċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jaħtru wkoll żewġ parteċipanti mit-trade unions u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi biex**

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż il-mezz ikkoordinat uniku u l-ġhodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE”.

Emenda

(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż il-mezz ikkoordinat uniku u l-ġhodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE”.
Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE toħloq sinerġiji bejn l-awtoritajiet edukattivi, tal-migrazzjoni u tal-impjegi.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod

Emenda

(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod

innovattivi.

innovattivi. *Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tinkludi informazzjoni dwar il-lawrji u ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri parteċipanti.*

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Jenħtieġ li l-format tal-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjeg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589⁸ li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjeg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkondjar awtomatiku

Emenda

(11) Jenħtieġ li l-format tal-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjeg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589⁸ li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjeg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkondjar awtomatiku

tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.

tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni. ***Il-lawrji, l-edukazzjoni vokazzjonali, il-volontarjat, iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba f'kuntesti mhux formali jew f'ċertifikati speċifiċi bħall-mikrokredenzjali jenħtieġ li jitqiesu wkoll fil-proċess ta' tqabbil. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jipprovdju b'mod adegwat l-opportunitajiet għal dawk li qed ifittxu impjieg u għall-ħaddiema involuti fil-pjattaforma biex jitgħallmu mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew tal-Istat Membru.***

⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjieg (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj?locale=mt>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjieg (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj?locale=mt>).

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Jenħtieġ li l-kompiti jiġu assenjati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiġu żgurati l-funzjonijiet ta' tiftix u tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li dawn il-kompiti jitqiesu bħala kompiti mwettqa fl-interess pubbliku li għat-twettiq tagħhom huwa meħtieġ li

Emenda

(12) Jenħtieġ li l-kompiti jiġu assenjati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiġu żgurati l-funzjonijiet ta' tiftix u tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li dawn il-kompiti jitqiesu bħala kompiti mwettqa fl-interess pubbliku li għat-twettiq tagħhom huwa meħtieġ li

tiġi pproċessata data personali, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725⁹, u fl-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/679¹⁰, rispettivament. **Jenħtieġ li** l-iproċessar ta' data personali jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mar-Regolamenti (UE) 2018/1725 u (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi

tiġi pproċessata data personali, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725⁹, u fl-Artikolu 6(1), **il-punt (e)** tar-Regolament (UE) 2016/10¹⁰, rispettivament. L-iproċessar ta' data personali, **inkluż id-dritt għall-privatezza u, meta xieraq, għall-anonimità fil-format Europass jew għodda simili komuni tal-UE, jenħtieġ li** jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mar-Regolamenti (UE) 2018/1725 u (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj?locale=mt>).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Emenda

(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi

jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestrinġu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' sentejn jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profilu, sett limitat ta' data anonimizata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestrinġu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. ***Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-għażla, il-format Europass jew għodda simili komuni tal-UE jenħtieġ li jkunu newtrali u l-għażliet prestabbiliti fir-rigward tad-data personali jenħtieġ li jeskludu l-kondiviżjoni tal-isem, il-kunjom, il-ġeneru, l-età, il-pajjiż tal-orijini, l-indirizz u n-nazzjonalità.***

Jenħtieġ li l-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' sentejn jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profilu, sett limitat ta' data anonimizata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-oġettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profilu tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa,

Emenda

(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-oġettiv li ***tirrikonoxxi u tirrimedja n-nuqqas ta' talenti u kwalifiki*** u tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profilu tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-

qabel ma jirreġistraw il-profil tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.

¹¹ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj>).

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jgħodqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet **u l-kwalifiki** rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.

persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profil tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.

¹¹ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj>).

Emenda

(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jgħodqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass¹² li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet, **lawrji, edukazzjoni vokazzjonali, ċertifikazzjoni tal-ħiliet u kompetenzi** rilevanti **miksba f'kuntesti mhux formali jew f'esperjenzi ta' xogħol u f'ċertifikati speċifiċi bħall-“mikrokredenzjali”** u esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed. **Biex tissaħħaħ l-effettività ta' dan il-proċess, huwa essenzjali li tiġi promossa sensibilizzazzjoni fost dawk li qed ifittxu impjieg dwar format simplifikat tal-Europass jew għodod simili komuni tal-UE.**

¹² Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj>).

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent ***tal-kwalifiki*** u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

¹² Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj>).

Emenda

(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet ***minn taġlim formali, mhux formali u esperjenzi ta' xogħol, u kwalifiki bħal-lawrji, id-diplomi ta' edukazzjoni vokazzjonali, jew iċ-ċertifikati speċifiċi, bħall-“mikrokredenzjali”*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Fin-nuqqas ta' proċedura ta' rikonoxximent nazzjonali, ir-riżerva jenħtieġ li tiddependi fuq standards komuni għar-rikonoxximent tal-kwalifiki bbażati fuq il-Konvenzjoni tal-UNESCO u tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew (il-Konvenzjoni ta' Liżbona dwar ir-***

Rikonoxximent) u mfassal f'kooperazzjoni man-Network Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni fir-Reġjun Ewropew (ENIC) u ċ-Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku fl-Unjoni Ewropea (NARIC), il-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF AG), is-Cedefop u l-ETF. Ir-Rakkomandazzjoni tal-KE C(2023)7700 final tal-15 ta' Novembru 2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li tiġi applikata.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, **jenħtieġ li l-ħiliet** żviluppata jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE” li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu “permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE”. Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE” għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twertiq

Emenda

(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet, **il-lawrji, l-educazzjoni vokazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet, il-kompetenzi miksuba f'kuntesti mhux formali u f'esperjenzi ta' xogħol jew f'ċertifikati speċifiċi, bħall-mikrokredenzjali**, f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, **il-ħiliet u l-educazzjoni miksuba f'taġħlim formali u mhux formali jew mill-esperjenzi ta' xogħol** żviluppata jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent **jenħtieġ li** jiġu ċċertifikati mill-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE” li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu “permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE”. Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati

tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġjaw it-tweqqig tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Jenħtieġ li l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali japplikaw għall-attivitajiet kollha mwettqa fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi minimi, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, it-taħriġ, u l-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol. F'konformità ma' **dawk** il-prinċipji, jenħtieġ li **r-Riżerva** ta' Talent **tal-UE** tiżgura **impjiegi** ta' kwalità.

Emenda

(22) Jenħtieġ li l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali japplikaw għall-attivitajiet kollha mwettqa fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi minimi, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali **u inklużjoni**, it-taħriġ, **l-opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja**, u l-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol. F'konformità ma' **dawn** il-prinċipji, **ir-Riżerva ta' Talent tal-UE** jenħtieġ li tiżgura **impjiegi** ta' kwalità, **b'paga ugwali għal kwalifiki, talent u xogħol ugwali u rispett għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri**.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ta' kwalità għolja, **jenħtieġ li l-persuni**

Emenda

(24) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ta' kwalità għolja, **il-persuni** rreġistrati li qed

rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jkollhom aċċess għal*** lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u ***ta'*** postijiet tax-xogħol ***vakanti*** abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet, ***il-kwalifiki*** u ***l-esperjenzi*** tax-xogħol ***tagħhom*** għall-post tax-xogħol ***vakanti***. Il-lista hija ġġenerata mill-ġħodda awtomatizzata ta' tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jenħtieġ li jaċċessaw*** lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u postijiet tax-xogħol vakanti abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet u ***l-kwalifiki tagħhom, il-lawrji, l-edukazzjoni vokazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba f'taġħlim mhux formali u f'esperjenzi*** tax-xogħol ***jew ċertifikati speċifiċi bħall-mikrokredenzjali u esperjenzi tax-xogħol*** għall-post tax-xogħol ***battal; il-profilu jenħtieġ li ma jkunux ibbażati fuq data personali, jiġifieri l-isem, il-kunjom, il-ġeneru, l-età, l-indirizz, il-pajjiż tal-orijini u n-nazzjonalità***. Il-lista hija ġġenerata mill-ġħodda awtomatizzata ta' tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25 a) Ir-riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tiffaċilita l-aċċess għal persuni bil-kwalifiki u l-kompetenzi meħtieġa li huma vulnerabbli għall-esklużjoni bħannisa, il-persuni b'diżabilità jew minn minoranzi.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) Jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli

(26) Jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli

għall-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u għall-impjegaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri parteċipanti. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

għall-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u għall-impjegaturi, ***speċjalment SMEs, u negozji ġodda***, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri parteċipanti. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jtejbu l-kapaċità tagħhom li jissimplifikaw u jħaffu r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-kompetenzi u jipprovdu appoġġ u informazzjoni rilevanti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u lill-awtoritajiet ta' rikonoxximent.***

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26 a) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, l-awtoritajiet u l-fornituri tal-edukazzjoni tista' tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u r-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27) Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jiżgura li informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-proċeduri tal-immigrazzjoni, ir-rikonoxximent ***tal-kwalifiki*** u l-validazzjoni ***tal-ħiliet***, id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament

(27) Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jiżgura li informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-proċeduri tal-immigrazzjoni, ir-rikonoxximent u l-validazzjoni ***tal-lawrji u kwalifiki oħrajn, l-edukazzjoni vokazzjonali, il-ħiliet u l-kompetenzi minn tagħlim mhux formali u l-esperjenzi tax-xogħol jew ċertifikati speċifiċi bħall-mikrokredenzjali***, id-

tax-xogħol u prattiki ta' reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti tkun disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu l-informazzjoni rilevanti mas-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tkun tista' tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-informazzjoni online dwar l-appoġġ disponibbli għall-persuni li qed ifittxu impjieg li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u li jinsabu f'pajjiżi terzi tkun disponibbli wkoll fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Il-miżuri ta' appoġġ stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jinkludu kampanji ta' informazzjoni speċifiċi, appoġġ biex jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar u appoġġ għall-integrazzjoni mal-wasla.

drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli, **f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali**, għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u prattiki ta' reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti tkun disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu l-informazzjoni rilevanti mas-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tkun tista' tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-informazzjoni online dwar l-appoġġ disponibbli għall-persuni li qed ifittxu impjieg li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u li jinsabu f'pajjiżi terzi tkun disponibbli wkoll fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Il-miżuri ta' appoġġ stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jinkludu kampanji ta' informazzjoni speċifiċi, **anke f'lingwi ta' pajjiżi terzi**, appoġġ biex jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar u appoġġ għall-integrazzjoni mal-wasla, **traduzzjonijiet jew forom oħra ta' appoġġ biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-applikazzjonijiet**.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27 a) Meta jimmonitorja r-Riżerva ta' Talent tal-UE, is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li jqis il-kontribut tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali rilevanti kemm fl-Istati Membri parteċipanti tal-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Premessa 27b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27 b) Persuni li jehntieġu protezzjoni internazzjonali jirrappreżentaw grupp li fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat biżżejjed b'talenti u kompetenzi li possibbilment jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-impjegaturi. Il-proċedura jenħtieġ li tiżgura li l-kondiviżjoni tad-dettalji ta' kuntatt ma tintużax għal użu ħażin possibbli minn pajjiżi terzi. Ir-riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tipprevedi wkoll perkorsi biex jiġu sfruttati l-ħiliet, il-kwalifiki u l-motivazzjoni tal-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u ta' persuni minn sfondi żvantaġġati, filwaqt li tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema fl-Unjoni. Jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-UE minn naħa, u l-assistenza lir-rifuġjati, lil dawk li jfittxu l-ażil u lill-migranti min-naħa l-oħra. Ir-riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi biex tiżgura suq tax-xogħol ġust u inklużiv fl-Istati Membri kollha tal-UE, b'opportunitajiet u drittijiet indaqs għal kulħadd. Barra minn hekk, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi biex tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat u l-isfruttament u l-abbuż tax-xogħol.

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Premessa 28**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun disponibbli mill-inqas bil-lingwi uffiċjali ***tal-Istati***

(28) Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun disponibbli mill-inqas bil-lingwi uffiċjali ***kollha fl-Istati*** Membri parteċipanti ***u, meta xieraq,***

Membri parteċipanti.

bil-lingwi rilevanti għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Fuq talba mill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u minn impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ addizzjonali. Jenħtieġ li l-appoġġ addizzjonali jinkludi informazzjoni mfassla apposta dwar il-viżi u l-permessi ta' residenza rilevanti għall-finijiet ta' xogħol fl-Istat Membru parteċipanti, inkluż fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħall-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni. Jistgħu jiġu pprovduti wkoll gwida u informazzjoni speċifiċi dwar il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet tal-membri tal-familja, u miżuri eżistenti biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa u taħriġ vokazzjonali. Tali informazzjoni ***għandha*** tinkludi wkoll mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u Prattiki ta' reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu informazzjoni lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati mas-sigurtà soċjali, mal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, mat-tassazzjoni, mal-kwistjonijiet relatati mal-kuntratti tax-xogħol, mad-drittijiet tal-pensjoni u mal-assigurazzjoni tas-saħħa.

Emenda

(30) Fuq talba mill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u minn impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jenħtieġ li*** jipprovdu appoġġ addizzjonali. Jenħtieġ li l-appoġġ addizzjonali jinkludi informazzjoni mfassla apposta dwar il-viżi u l-permessi ta' residenza rilevanti għall-finijiet ta' xogħol fl-Istat Membru parteċipanti, inkluż fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħall-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni u ***l-opportunitajiet ta' taħriġ, u*** l-akkomodazzjoni. Jistgħu jiġu pprovduti wkoll gwida u informazzjoni speċifiċi dwar il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet tal-membri tal-familja, u miżuri eżistenti biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa u taħriġ vokazzjonali, ***b'enfasi partikolari fuq id-dimensjoni tal-ġeneru u nies ġejjin minn sfond żvantaġġat.*** Tali informazzjoni ***jenħtieġ li*** tinkludi wkoll mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u Prattiki ta' reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti, ***b'invoviment effettiv tas-sħab soċjali rilevanti.*** Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu informazzjoni lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati mas-sigurtà soċjali, mal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, mat-tassazzjoni, mal-kwistjonijiet relatati mal-

kuntratti tax-xogħol, mad-drittijiet tal-pensjoni u mal-assigurazzjoni tas-saħħa.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtiegħ li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE dwar il-migrazzjoni legali. Barra minn hekk, sabiex ir-reklutaġġ **tal-persuni** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni jsir aktar faċli u aktar malajr għall-impjegaturi, l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba ta' viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol u l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni. L-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati tista' tiġi diskussa fil-kuntest tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u impjegaturi;

Emenda

(31) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtiegħ li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE dwar il-migrazzjoni legali. Barra minn hekk, sabiex ir-reklutaġġ **tal-istudenti minn pajjiżi terzi li jkunu residenti fl-Unjoni u l-persuni** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni jsir aktar faċli u aktar malajr għall-impjegaturi, l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba ta' viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol u l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni. L-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati tista' tiġi diskussa fil-kuntest tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.

Emenda

(c) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, **ċittadini minn pajjiżi terzi li qed jistudjaw fl-Unjoni** u

impjegaturi;

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent.

Emenda

(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent, ***b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni tal-ġeneru, b'mod partikolari fi programmi ta' studju jew ta' taħriġ relatati mal-oqsma STEM.***

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Emenda

1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni, ***ċittadini minn pajjiżi terzi li qed jistudjaw fl-Unjoni*** u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) “Riżerva ta' Talent” tfisser għodda inklużiva mmirata lejn profili b'livell għoli, medju u baxx ta' ħiliet minn pajjiżi terzi. Ir-Riżerva ta' Talent għandha tkopri s-setturi għall-ħaddiema b'livell baxx, medju u għoli ta' ħiliet u talenti, inkluż f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u

f'negozji ġodda;

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) “persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz” tfisser persuna residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;

Emenda

(2) “persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz” tfisser persuna, residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE, ***filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tal-istudenti, jew tar-riċerkaturi minn pajjiżi terzi, u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni; il-gruppi msemmija hawn fuq għandhom jitħallew jipparteċipaw mingħajr ma jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom;***

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2 a) “student jew riċerkatur ċittadin ta' pajjiż terz fl-Unjoni” tfisser persuna li tirrisjedi fl-Unjoni b'viża ta' student jew ta' riċerka, li mhijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1);

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f a) Jiġi introdott Programm tal-Ambaxxaturi Kulturali li jinvolti individwi minn pajjiżi terzi, li jkunu integraw b'suċċess fil-forza tax-xogħol

tal-UE, biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jħeġġu lil oħrajn jikkunsidraw lill-UE bħala destinazzjoni ta' impjeg;

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, ***l-esperjenza*** tax-xogħol, ***ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa***. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.

Emenda

3. Il-profilu tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, ***il-lawrji, l-edukazzjoni vokazzjonali, l-għarfien tal-lingwi, il-volontarjat jew l-esperjenzi*** tax-xogħol, ***iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba minn taġlim mhux formali, jew ċertifikati speċifiċi bħall-mikrokredenzjali***. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jagħmel id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għal tfittxijiet u tqabbil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Emenda

7. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jagħmel id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għal tfittxijiet u tqabbil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Matul il-proċess ta' tqabbil, il-pjattaforma tal-IT għandha tipprovdi format newtrali tal-Europass jew għodda simili komuni tal-UE li***

teskludi data personali bħall-isem, il-kunjom, il-ġeneru, l-età, il-pajjiż tal-oriġini, in-nazzjonalità u l-indirizz. It-tfittxijiet u t-tqabbil permezz tal-pjattaforma tal-IT ma għandhom jirriżultaw fl-ebda forma ta' diskriminazzjoni jew preġudizzju.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

Emenda

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3) ***f'konformità mal-format newtrali tal-Europass jew għodda simili komuni tal-UE li teskludi data personali bħall-isem, il-kunjom, il-ġeneru, l-età, il-pajjiż ta' oriġini, in-nazzjonalità u l-indirizz.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) jiġbor id-data rilevanti għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 20;

(e) jiġbor id-data rilevanti għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 20, **inkluż, jekk neċessarju, konsultazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;**

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Emenda

(b) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, **inklużi l-faċilitazzjoni tal-iskambji u s-sinerġiji ma' edukazzjoni intra-UE u l-awtoritajiet tal-mobilità tal-ħaddiema;**

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.

Emenda

2. L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE **u, meta xieraq, ir-rappreżentati tal-awtoritajiet tal-edukazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni minn pajjiżi terzi ta' oriġini** jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.

Emenda

4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' **mill-inqas** żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. **Barra minn hekk, il-grupp għandu jinkludi, bħala osservaturi, rappreżentant wieħed mill-istituzzjonijiet edukattivi fil-livell tal-Unjoni, wieħed mis-Cedefop, wieħed mill-ETF u rappreżentant wieħed mill-awtorità tal-UE inkarigata mill-integrazzjoni. Organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili b'għarfien espert rilevanti fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw.** Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar **Punt** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u **l-immigrazzjoni** jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Emenda

1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar **Punti** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi, **l-immigrazzjoni, u l-edukazzjoni u t-taħriġ** jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, **meta xieraq, f'koordinazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn.**

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Emenda

(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***bl-użu ta' proċeduri sempliċi***;

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jgħodqu l-profil tagħhom permezz ***tal-bennej tal-profil*** tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Emenda

1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jgħodqu l-profil tagħhom permezz ***ta' verżjoni simplifikata*** tal-Europass ***jew permezz ta' għodda oħra komuni tal-UE*** sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċizzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità

Emenda

2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċizzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità

mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.

mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.
L-awtoritajiet għandhom jiżguraw proċess biex jivverifikaw il-kwalifiki u l-kompetenzi pprovduti.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Emenda

3. Il-profilu tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Il-fażi ta' tqabbil permezz tal-format newtrali tal-Europass jew għodda simili komuni tal-UE ma għandhiex tiżvela data personali bħall-isem, il-kunjom, il-ġeneru, l-età, il-pajjiż tal-orijini, in-nazzjonalità u l-indirizz.***

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 a. Il-proċedura għandha tiżgura li l-kondiviżjoni tal-kwalifiki u d-dettalji taċ-ċertifikazzjoni ma jintużawx għal użu ħażin possibbli minn pajjiżi terzi.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kwalifika miksuba u l-ħiliet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu ġew ivvalidati fil-kuntest tas-Sħubija ta' Talent, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi relatati ma' impjieg speċifiku, il-ħiliet lingwistiċi, jew il-kompetenzi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar;

Emenda

(b) il-kwalifika miksuba u l-ħiliet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu ġew ivvalidati fil-kuntest tas-Sħubija ta' Talent, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi ***miksuba f'taqlim mhux formali jew bħala parti mill-esperjenzi tax-xogħol, u ċertifikati speċifiċi bħall-mikrokredenzjali*** relatati ma' impjieg speċifiku, il-ħiliet lingwistiċi, jew il-kompetenzi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar;

Emenda 48

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudelli għall-format tal-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE”. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudelli għall-format tal-“permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE”. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2). ***Ir-Rakkomandazzjoni C(2023)7700 final tal-15 ta' Novembru 2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandha tiġi applikata.***

Emenda 49

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu

Emenda

6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu

“permess tas-Sħubija ta’ Talent tal-UE”, għal perjodu massimu ta’ sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f’ dik l-istess Sħubija ta’ Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE.

“permess tas-Sħubija ta’ Talent tal-UE”, għal perjodu massimu ta’ sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f’ dik l-istess Sħubija ta’ Talent **dwar il-fehim li l-persuni reġistrati li qed ifittxu impjeg jirċievu offerti konkreti, inklużi, l-edukazzjoni u l-moduli tat-taħriġ fl-Istati Membri kkonċernati.** Is-Segretarjat tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1 a. L-impjegaturi għandhom jiġu mħeġġa jallokaw riżorsi għal programmi ta’ taħriġ fil-lingwi għal dawk li qed ifittxu impjeg, filwaqt li jrawmu l-fehim kulturali u jippromwovu l-inklużività.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteeċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva

L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni **u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.** L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteeċipazzjoni tal-

ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6 a. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-Riżerva ta' Talent tal-UE u t-tqabbil tal-kwalifiki u tal-kompetenzi jipprovdu l-kundizzjonijiet għal trattament ugwali, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions kif ukoll aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jaċċessaw lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg iġġenerati mill-ġhodda awtomatizzata ta' tqabbil u abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom għall-post tax-xogħol vakanti.

L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jaċċessaw lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg iġġenerati mill-ġhodda awtomatizzata ta' tqabbil u abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet **u tal-kompetenzi, formali, mhux formali u informali**, il-kwalifiki, **l-edukazzjoni vokazzjonali, il-lawrji jew iċ-ċertifikati speċifiċi (“mikrokredenzjali”)** u l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom għall-post tax-xogħol vakanti.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 a. *Titħeġġeġ aktar sensibilizzazzjoni fost l-universitajiet rigward ir-Riżerva ta' Talent tal-UE, filwaqt li jiġi enfasizzat il-potenzjal li japplikaw ir-riċerkaturi u l-istudenti li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi.*

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 b. *Jiġi żguraw li l-individwi li pparteċipaw fil-programmi ta' mobilità tal-Erasmus+ jirċievu kunsiderazzjoni favorevoli fil-proċess ta' tqabbil billi jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki miksuba permezz tal-programmi Erasmus+ bħala assi siewja fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.*

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli.

L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli **u għandhom jiżguraw il-promozzjoni tagħha.**

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) informazzjoni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' immigrazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli, kif ukoll informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri parteċipanti;

Emenda

(a) informazzjoni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' immigrazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet ***u tal-kompetenzi, l-edukazzjoni vokazzjonali, il-lawrji jew ċertifikati speċifiċi (“mikrokredenzjali”)***, id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli, kif ukoll informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri parteċipanti;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) informazzjoni speċifika dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-mekkaniżmu għall-ilmenti skont l-Artikolu 18;

Emenda

(c) informazzjoni speċifika dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni, ***it-taħriġ***, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, ***iċ-ċertifikazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, l-edukazzjoni vokazzjonali, il-lawrji jew ċertifikati speċifiċi (“mikrokredenzjali”)*** u l-mekkaniżmu għall-ilmenti skont l-Artikolu 18;

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn rilevanti, il-Punti ta' Kuntatt

Emenda

3. Fejn rilevanti, il-Punti ta' Kuntatt

Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jirreferu t-talbiet għal informazzjoni, gwida u appoġġ lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħrajn u, jekk applikabbli, lil korpi xierqa oħrajn fil-livell nazzjonali li jappoġġaw l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol.

Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jirreferu t-talbiet għal informazzjoni, gwida u appoġġ lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħrajn u, jekk applikabbli, lil korpi xierqa oħrajn fil-livell nazzjonali li jappoġġaw l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol ***u jistabbilixxu mekkaniżmi ta' segwitu biex jimmonitorjaw jekk l-assistenza meħtieġa mill-persuna li qed tfittex impjieg jew mill-impjegatur kinitx provduta b'mod sodisfaċenti.***

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jistabbilixxi l-ġbir tad-data skont il-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-istatistika u jiskambja informazzjoni u data mal-Kummissjoni għall-fini tal-kwalità tad-data miġbura skont dan ir-Regolament u l-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Emenda

2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jistabbilixxi l-ġbir tad-data skont il-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-istatistika u jiskambja informazzjoni u data mal-Kummissjoni għall-fini tal-kwalità tad-data miġbura skont dan ir-Regolament u l-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea ***filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali lid-data diżaggregata skont il-kategoriji bħall-ġeneru, id-diżabilità u l-età.***

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3 a. Rapport tal-prestazzjoni u sommarju tad-data aggregata tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku fuq bażi regolari.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru **2031** u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda

1. Sal-31 ta' Diċembru **2030** u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-Rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
European Council on Refugees and Exiles

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' riżerva ta' talent tal-UE
Referenzi	COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 8.2.2024
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 8.2.2024
Rapporteur għall-opinjoni Data tal-ħatra	João Albuquerque 16.1.2024
Eżami fil-kumitat	24.1.2024
Data tal-adozzjoni	11.3.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 5 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Tomasz Frankowski, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Irena Joveva, Martina Michels, Victor Negrescu, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Monica Semedo, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdřová, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Ibán García Del Blanco, Rob Rooken, Salima Yenbou
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Angelika Winzig

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

20	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Asim Ademov, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Angelika Winzig
Renew	Ilana Cicurel, Irena Joveva, Monica Semedo, Salima Yenbou
S&D	João Albuquerque, Ibán García Del Blanco, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Victor Negrescu, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio
The Left	Martina Michels
Verts/ALE	Diana Riba i Giner

5	-
ECR	Rob Rooken, Andrey Slabakov
ID	Catherine Griset
NI	Andrea Bocskor
PPE	Milan Zver

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet